KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 6.4.2005
KUMM(2005) 127 finali

2005/0029 (CNS)
2005/0030 (CNS)

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-programm Pericles għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-falsifikazzjoni**

Proposta ghal

**DECIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda u testendi d-Deciżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Dicembru 2001 li tistabbilixxi, programm ta' skambju , għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikazzjoni (il-programm 'Pericles')**

Proposta ghal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li testendi għall-Istati Membri li ma jieħdux sehem l-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill […] li temenda u testendi d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi, programm ta' skambju, għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikazzjoni (il-programm 'Pericles')**

(preżentata mill-Kummissjoni)

**KOMMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar l-implimentazzjoni u l-kontinwazzjoni tal-programm Pericles għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-falsifikazzjoni**

## 1. ĠENERALI

Pericles, il-programm tal-Komunità ta' skambju, għajnuna u taħriġ fil-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar, kien stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 (2001/923/KE) u hu ddisinjat li jgħin u jissuplimenta l-miżuri meħuda mill-Istati Membri fil-programmi ta' eżistenza biex jipproteġi l-euro kontra l-iffalsifikar. Tali miżuri jinkludu skambju ta' informazzjoni (seminars, workshops, laqgħat u konferenzi), post ta' taħriġ u skambju ta' staff, kif ukoll ta' riserva teknika, xjentifika u operazzjonali.

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Pericles jipprovdi li l-programm għandu jaħdem mill-1 ta' Jannar 2002 sal-31 ta' Diċembru 2005. L-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni jistabbilixxi ammont ta' referenza ta' 4 miljun euro għall-programm.

L-Artikolu 13 (3) tad-Deċiżjoni Pericles taħseb sa biex il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sat-30 ta' Ġunju:

– rapport, indipendenti mill-maniġer tal-programm, li jevalwa r-rilevanza, l-effiċjenza u l-effetività tal-programm; u

– kommunikazzjoni fuq jekk dan il-programm għandux jitkompla jiġi addattat, akkompanjat mill-proposta addattata.

Ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Programm, Pericles kien sottomess fit-30 ta' Novembru 2004.

Din il-kommunikazzjoni tieħu in konsiderazzjoni l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport ta' evalwazzjoni; din tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm; u hi konsegwentement akkompanjata minn proposta għall-estensjoni u l-addozzjoni tad-Deċiżjoni inizjali.

## 2. ŻVILUPPI FL-IFFALSIFIKAR TA' L-EURO

Mill-bidu tas-Sajf 2003, in-numru ta' karti ta' l-euro iffalsifikati li nstabu fiċ-ċirkulazzjoni qagħad għal madwar 50 000 fix-xahar, livell taħt il-livelli tal-euro, inqas mid-dollaru amerikan u estremament baxx meta mqabbel mad-disa' miljun karti tal-flus ta' l-euro awtentiċi fiċ-ċirkulazzjoni. Fl-istess żmien, in-numru ta' muniti ta' l-euro iffalsifikati kompla jiżdied imma xorta jibqa' baxx skond livelli storiċi. Barra minhekk, il-forzi tal-pulizija wettqu b'suċċess numru ta' operazzzjonijiet biex iżarmaw workshops u qabdu numru kbir ta' karti tal-flus u muniti ffalsifikati qabel ma daħlu fiċ-ċirkulazzjoni.

Tabelli 1a u 1b jiġbru l-iżviluppi fl-iffalsifikar tal-karti tal-flus ta' l-euro u l-muniti.

| **Tabella 1a** | | |
|---|---|---|
| **Karti tal-flus ta' l-euro iffalsifikati li nstabu fiċ-ċirkulazzjoni 2002 – 2004** | | |
| Jannar-Ġunju 2002: | 21965 | |
| Lulju-Diċembru 2002 | 145153 | |
| Sena 2002 | | 167118 |
| Jannar-Ġunju 2003: | 230534 | |
| Lulju-Diċembru 2003 | 311925 | |
| Sena 2003 | | 542459 |
| Jannar-Ġunju 2004: | 307000 | |
| Lulju-Diċembru 2004 | 287000 | |
| Sena 2004 | | 594000 |

Sors: BĊE

| **Tabella 1b** | | |
|---|---|---|
| **Karti tal-flus ta' l-euro iffalsifikati li nstabu fiċ-ċirkulazzjoni 2002 – 2004** | | |
| Jannar-Ġunju 2002: | 68 | |
| Lulju-Diċembru 2002 | 2271 | |
| Sena 2002 | | 2339 |
| Jannar-Ġunju 2003: | 8100 | |
| Lulju-Diċembru 2003 | 18091 | |
| Sena 2003 | | 26191 |
| Jannar-Ġunju 2004: | 36191 | |
| Lulju-Diċembru 2004 | 38309 | |
| Sena 2004 | | 74500 |

Sors: Kummissjoni

Din is-sitwazzjoni globali favorevili hi r-riżultat ta' preparazzoni twila kemm fuq livell leġislattiv u istituzzjonali u turi l-livell għoli ta' kooperazzjoni miksub fl-UE u f'livell internazzjonali. Il-Kummissjoni stabbiliet l-ideat bażiċi għall-protezzjoni ta' l-euro fil-Kommunikazzjoni li hi ppubblikat sa mill-1998[1]. Fuq din il-bażi, il-Kunsill addotta Regolament bażiku fl-2001[2], li jfassal pedamenti istituzzjonali għall-protezzjoni ta' l-istruttura; li kien ippreċedut mid-Deċiżjoni Kwadra tal-Kunsill[3], adottata fl-2000, permezz ta' liema l-protezzjoni ta' l-euro b'penalitajiet kriminali hi msaħħa u, sa ċertu punt, armonizzata. U, fl-1999 il-mandat ta' l-Europol kien estiż biex jinkludi l-iffalsifikar tal-flus[4]. Fir-rigward ta' sanzjonijiet kriminali, il-Kummissjoni ppubblikat żewġ rapporti[5] fuq l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru msemmija hawn fuq, juru livell sodisfaċenti ta' implimentazzjoni.

Bil-ħsieb li tiġi tassigurata struttura ċara fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar kif ukoll kooperazzjoni mill-qrib u ċirkulazzjoni effiċijenti ta' informazzjoni Uffiċċji Ċentrali Nazzjonali (NCO) kienu stabbiliti fl-Istati Membri kollha. Bażijiet ta' data u sistemi ta' kommunikazzjoni qed joperaw fil-BĊE u fil-Europol. Korpi dedikati kienu maħluq għall-analiżi tekniki ta'

---

1 Il-kommunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 1998 lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew u l-BĊE ntitolata 'Protezzjoni tal-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro' COM(98) 474 finali.

2 ĠU L 181, 4/7/2001 Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1338/2001 li jfassal miżuri neċessarja għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar; u ĠU L 181, 4/7/2001 Regolament tal-Kunsill (KE) nru 1339/2001 li jestendu l-effetti tar-Regolament (KE) Nru 1338/2001 lil dawk l-Istati Membri li ma addottawx l-euro bħala l-munita waħdanija tagħhom.

3 ĠU L 140, 29/05/2000 Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar iż-żeda fil-protezzjoni permezz ta' penalitajiet kriminali u sanzjonijiet oħrajn kontra l-iffalsifikar b'konnessjoni mad-dħul ta' l-euro

4 ĠUJ C 149/16, 28/05/1999 Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29.04.1999 li testendi l-mandat tal-Europol biex jitratta l-falsifikazzjoni tal-flus u mezzi ta' pagamenti

5 Rapport tal-Kummissjoni COM(2001) 771 tat-13.12.2001, It-Tieni rapport tal-Kummissjoni COM (2003) 532 tat-03.09.2003

falsifikazzjonijiet fl-Istati Membri, l-BĊE – għall-karti tal-flus, u l-Kummissjoni – għall-muniti.

Il-programm Pericles qed ikollu rwol sinifikanti biex jintlaħqu dawn ir-riżultati kontra d-delitt ta' falsifikazzjoni, permezz ta' skambju ta' informazzjoni u l-iżvilupp ta' kooperazzjoni. Hemm bżonn ta' viġilanza kontinwa biex iżomm u tibni fuq ir-riżultati miksuba bħalissa fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro. Taħriġ u assistenza teknika jilgħabu rwol importanti f'dan ir-rispett, għalhekk il-bżonn li jkomp l-programm ta' Pericles.

## 3. IR-RAPPORT TA' VALUTAZZJONI

Skond ma hu ipprovdut fl-L-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Pericles, l-evalwazzjoni tal-programm Pericles kien assenjat lill-awditur indipendenti ta' l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li issottometta rapport ta' l-evalwazzjoni it-30 ta' Novembru 2004.

L-evalwatur jeżamina il-fajls ta' 21 mill-azzjonijiet Pericles li saru sa Marzu 2004, fuq inizjattiva ta' Stat Membru jew tal-Kummissjoni. Ibbażżat fuq kwestjonarji lill-organizzaturi u parteċipanti, kif ukoll diskussjonijiet ma' partijiet interessati, hu laħaq il-konklużjonijiet prinċipali li ġejjin[6]:

– Il-programm tejjeb il-kuxjenza tad-dimensjoni tal-Komunità ta' l-euro u żviluppa wkoll fehma ikbar fost il-parteċipanti tal-liġijiet relatati u l-instrumenti u b'mod partikolari tal-liġi tal-Komunità rilevanti u dik iktar wiesa'.

– Fir-rigward tas-sensiela ta' skambji ta' informazzjoni u metodoloġiji/miżuri, ħafna kienu ppreżentati f'diversi workshops, laqgħat u seminars.

– Il-gruppi ta' mira għall-programm ntlaħqu f'parti b'parteċipazzjoni għolja ħafna ta'uffiċjali ta' nfurzar tal-liġi; attendenza mis-settur tal-banek kummerċjali, avukati speċjalisti jew kmamar tal-kummerċ ma kienux suffiċjenti.

– L-attivitajiet eżaminati kieni kkunsidrati rilevanti ma' u fost l-għanijiet ewlenin tal-programm.

– F'termini ta' spejjeż, l-evalwatur sab li xi proġetti kienu partikolarment għaljin u speċifika spejjeż ta' oġġetti speċifiċi.

L-evalwatur għamel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

– Il-programm għandu jkompli għal 4 snin oħra għall-inqas bl-istess baġit (€ 1 miljun fis-sena) u bl-istess miżuri u gruppi ta' mira. It-tieni evalwazzjoni għandha issir wara erba' snin.

– Il-programm għandu jkompli jkun disponibbli lill-Istati Membri kollha imma prijorità għandha tingħata (fl-ewwel istanza) lil dawk b'parteċipazzjoni baxxa jew liema ma organizzawx azzjonijiet fl-ewwel programm, kif ukoll l-Istati Membri Ġodda.

---

[6] Rapport ta' valutazzjoni p.4, 21, 22 u 23

– Emfasi għandha tingħata fuq taħriġ prattiku. Għandu jkun hemm prijoritizzazzjoni favur skambji ta' l-istaff u taħriġ speċifiku, inklużi studju ta' każijiet. Dawn l-attivitajiet huma wkoll ta' nfiq effiċjenti.

– Kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet/korpi Ewropej (Kummissjoni/OLAF, BĊE u Europol) għandhom ikunu żviluppati iktar sa biex jeleminaw kwalunkwe dubblikazzjoni bejn programmi differenti u biex itejbu aħjar il-koordinazzjoniji ta' l-atturi prinċipali (nfurzar tal-liġi, banek, prosekuturi) fil-ġlieda kontra l-iffalsifikar ta' l-euro.

– Fir-rigward ta' l-effett tal-programm dwar il-konverġenza ta' taħriġ ta' livell għoli għat-trejners, ma kienx possibbli li jsir valutazzjoni għax ma kienx hemm informazzjoni suffiċjenti fuq il-link bejn l-istrateġiji nazzjonali u l-attivitajiet taħt Pericles.

– Bil-ħsieb li jgħin il-valutazzjoni ta' l-effett tal-programm, dwar fost oħrajn il-konverġenza ta' taħriġ ta' livell għoli għat-trejners, l-evalwazzjoni jirrakkomanda l-preparazzjoni tad-dokument ta' strateġija, li għandu jkun finalizzat qabel il-Pericles il-ġdid jidħol fis-seħħ.

## 4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM

Ibbażat fuq l-ammont ta' referenza ta' EUR 4 miljun, l-approprijazzjonijiet anwali awtorizzati taħt il-programm Pericles, kien EUR 1.2 għall-2002, EUR 0.9 miljun għall-2003; EUR 0.9 miljun għall-2004; EUR 1.0 million għall-2005.

L-implimentazzjoni tal-Programm kellu bidu bil-mod, prinċipalement minħabba l-addozzjoni f'Diċembru 2001. Għalhekk, l-ewwel proġett taħt Pericles sar f'Ottubru 2002 u l-ammont imwiegħed fl-2002 kien eżatt taħt 40% ta' l-allokazzjoni tal-baġit inizjali (l-allokazzjoni kienet riveduta 'l isfel matul is-sena). Sussekwentament, il-programm beda u l-allokazzjoni tal-baġit kienet kompeletament marbuta fl-2003 u l-2004. L-intenzjonijiet għall-2005 juru li l-ammont li jibqa' kien ukoll kompletament ikkonsmat. Ibbażat fuq dawn l-istatistiċi/tbassir, il-livell globali ta' l-impenji matul il-perijodu 2002-2005 għandhom jilħqu 80% ta' l-ammont ta' referenza inizjali.

Is-sommom komplessivi ewlenin fl-implimentazzjoni tal-Pericles huma murija fit-Tabella 2.

**TABELLA 2:** PERICLES – TAQSIRA TA' L-IMPLIMENTAZZJONI 2002 – 2004 U INTENZJJONIJIET GĦALL-2005

| Sena finanzjara | Numru ta' azzjonjiet | Stati Membri li njaghtu bidu | Gruppi ta' Miri Ewlenin | Numru ta' Parteċipanti | Għotjiet impenjati | Allokazzjoni tal-Baġit | Livel ta' konsumazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **2002** | 7<br>MS 5<br>COM 2 | DE, IT, ES, EL, (NL+UK) | Pulizija, finanzjarji | 366 | 474 905 | 1 200 000 | 39.6 % |
| **2003** | 16<br>MS 2<br>COM 4 | DE, IT, ES, EL, (NL+UK) | Pulizija, ġudikatura, finanzjarji, kummerċ | 753 | 875 701 | 900 000 | 97.3 % |
| **2004** | 15<br>MS 11<br>COM 4 | DE, IT, ES, EL, (NL+UK) | Pulizija, ġudikatura, finanzjarji, banek | 586 | 879 263 | 900 000 | 97.7 % |
| **2005** | 18 | SI, FR, DE, | Finanzjarji, banek, | 888 | 987 000 | 1 000 000 | 98.7 % |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **(intenzjonijiet)** | MS 13<br>COM 5 | LT, IT, ES, LV, CY, PO | Pulizija, ġudikanti, kummerċ | | | | |
| **TOTAL (stimi)** | 56<br>MS 41<br>COM 15 | | | 2593 | 3 216 869 | 4 000 000 | 80.4 % |

Fil-kors ta' l-ewwel tlett snin tal-programm 38 proġetti kienu mibdija; għall-2005 18-il azzjoni huma maħsuba mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Mit-total ta' 56 proġett, 41 joriġinaw fl-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, fil-waqt li 15 huma inizjattiva tal-Kummissjoni/OLAF.

Ħafna mill-azzjonijiet li jsiru huma konferenzi, seminars u worshops, kif ukoll korsijiet ta' taħriġ speċjalizzati. Skambju ta' l-istaff, madanakollu, żdied u issa sar fattur standard tal-Pericles. Wara t-tkabbir, din it-tip ta' attivita x'aktarx li sa tiżviluppa aktar, li hu wkoll in linja mar-rakkomandazzjoni ta' l-evalwatur tal-Pericles. Studju tekniku wieħed biss sar taħt il-Pericles kurrenti, li hu ippjant li jkompli b'mod iktar wiesa' fl-2005. L-analiżi tal-Pericles skond it-tip tal-proġett hu muri fit-Tabella 3.

| – **TABELLA 3:** – **PERICLES – ANALIŻI SKOND IT-TIP TA' AZZJONI 2002 – 2005** | | | | |
|---|---|---|---|---|
| – **Sena finanzjara** | – **Tip ta' Konferenza e-tip** | – **Skambju ta' l-istaff** | – **Studji** | – **Total** |
| – **2002** | – 6 | – 1 | – - | – 7 |
| – **2003** | – 11 | – 4 | – 1 | – 16 |
| – **2004** | – 10 | – 5 | – - | – 15 |
| – **2005 (intenzjonijiet)** | – 12 | – 5 | – 1 | – 18 |
| – **TOTAL (stimi)** | – 39 | – 15 | – 2 | – 56 |

Madwar 2600 persuna ppartečipaw f'dawn l-avvenimenti. F'perjodi minn qabel il-maġġoranza l-kbira tal-partečipanti kienu aġenti ta' l-infurzar, jirriflettu l-prijorità biex tistabbilixxi rbit professjonali aktar mill-qrib għal ġlieda iktar effiċjenti kontra l-iffalsifikar ta' l-euro. F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' evalwazzjoni (p. 10 u 11) juri li, sa Marzu 2004, 65% tal-partečipanti kienu l-aktar minn aġenziji ta' nfurzar tal-Liġi. Mill-2003, involvement ikbar ta' l-awtoritajiet ġudizzjarji hu osservat, kif mill-2004 u l-2005, hemm iktar partečipazzjoni pronunzjata fis-settur finanzjarju (intermedjarji finanzjarji tas-settur pubbliku, Banek Ċentrali Nazzjonali, operazzjonijiet bankarji kummerċjali u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn). Dan l-iżvilupp hu in linja mar-rakkomandazzjoni ta' l-evalwatur, filwaqt li l-organizazzjoni ta' iktar seminars tekniċi qed jiġu promossi wkoll. Fil-ġestjoni tal-programm, ppruvaw jiġu evitat id-dupplikazzjoni fil-partečipazzjoni; u l-evalwazzjoni tan-noti tar-rapporti li kien akwistat.

F'termini ta' l-oriġini tal-partečipanti, ir-rapport ta' l-evalwazzjoni jinnota li dawn ġew minn 76 pajjiż, b'maġġoranza mill-Istati Membri. Ġie nnotat li xi pajjiżi wrew livell baxx ta' partečipazzjoni, fost dawk xi wħud mill-pajjiżi taż-żona ta' l-euro. Din is-sitwazzjoni tista'

tirrifletti sitwazzjonijiet organizazzjonali iktar milli strutturali u bħalissa qed issir sforz għal bilanċ. Xi pajjiżi huma iktar attivi fl-organizzazzjoni tal-ġrajjiet, bl-Italja tirrapreżenta iktar minn 21% tan-numru totali ta' l-attivitajiet. Mill-2005, l-Istati Membri ġodda jsiru iktar attivi fl-organizazzjoni ta' l-azzjonjiet Pericles.

Peress illi r-rapport tal-valutazzjoni jsemmi wkoll (p. 14) li l-organizazzjoni ta' l-azzjonijiet Pericles kien ikpori ż-żoni rilevanti kollha għall-protezzjoni ta' l-euro: nfurzar tal-liġijiet, ġudizzjarji, finanzjarji u tekniċi u promova partikolarment il-ħolqien tan-netwerks bżonnjuži biex tinkise6b iktar effiċjenza fil-ġlieda kontra d-delitt ta' l-iffalsifikar. Kontribuzzjonijiet fl-azzjonijiet Pericles huma assigurati mill-BĊE, il-Kummissjoni, Europol u, f'xi każijiet, Eurojust, Interpol u s-Servizz Sigriet Amerikan. Fir-rigward ta' l-aspetti finanzjarji ta' l-euro, fejn ir-responsabbiltà hi ta' l-Istati Membri, tiġi mfittxa sistematikament kapaċità fis-servizzi speċjalizzati tagħhom.

L-azzjonijiet Pericles isiru l-aktar fl-UE. Madanakollu, numru ta' azzjonjiet ġew organizzati f'pajjiżi terzi jew dawk kandidati, li jirriflettu il-bżonnijiet speċifiċi li hemm bżonn għall-protezzjoni ta' l-euro. Dan hu l-każ bl-azzjonijiet meħuda fil-Kolumbja, għall-pajjiżi kollha ta' l-Amerka t'isfel u l-Bulgarija, iklużi wkoll il-pajjiżi tal-grigal Ewropej.

Bħala riżultat, it-transnazzjonalità u l-multidixxiplinità meħtieġa taħt l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Pericles ġew irrispettati rikwesti, b'ta' l-aħħar segwit kemm fuq il-livell ta' sfond professjonali tal-parteċipanti f'termini tal-kontenut ta' l-azzjonijiet.

Skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni Pericles, il-programm hu implimentat u koordinat mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li jaħdmu iktar mill-viċin. Il-koordinazzjoni ta' Pericles u azzjonijiet ta' taħriġ oħrajn li jsiru mill-Grupp ta' l-Esperti ta' kontra l-iffalsifikar ta' l-Euro, li laqqa' flimkien esperti mill-Isati Membru u dawk kandidati, bil-parteċipazzjoni tal-Europol, l-BĊE u l-Interpol. Dan huwa wkoll skond il-premessa (7) tad-Deċiżjoni Pericles.

Pericles issa ġie prattikament ċentralizzat fuq livell tal-Komunità mwettaq mill-azzjoni tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-protezzjoni ta' l-euro u ġeneralment ħa post il-linja tal-baġit speiċifika tal-Kummissjoni 'Protezzjoni ta' l-euro'. Numru żgħir ta' azzjonijiet maħsuba għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar huma mwettq taħt programme oħra tal-Komunità, bħal TAIEX u Twinning. Tali azzjonijiet huma prinċipalment ta' pajjiż wieħed jew azzjonijiet ta' suġġett wieħed (i.e. mhux eleġibbli taħt Pericles) u huma sistematikament koordinati ma'Pericles b'servizz kompetenti fil-Kummissjoni b' koodinazzjoni ma' l-Istati Membri.

Barra mill-għarfien tagħhom u l-kontenut tat-taħriġ, l-azzjonijiet Pericles waslu għal numru ta' titjib stutturali u titjib ieħor fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi. Fost oħrajn, l-Uffiċċji Nazzjonali Centrali għall-ġlieda kontra l-iffalsifikar kienu maħluqa f' bosta pajjiżi, żewġ seminars Pericles għenu lil dawk li kienu l-pajjiżi li se jissieħbu fl-isforzi tagħhom biex japplikaw l-acquis fiż-żona speċifika; kodiċi tal-kondotta ġie mfassal fir-rigward ta' l-istampa u affarijiet ta' kommunikazzjoni; u wieħed mill-workshops wassal għal proposta, mill-Istati Membri, għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

* * *

In linja ma' l-analiżi ta' hawn fuq u fid-dawl tal-konklużjonijiet ta' l-evalwatur ta' Pericles, dan il-Kummunikazzjoni hi akkumpanjata b'proposta għall-addozzjoni u l-kontinwazzjoni tal-Pericles.

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

In linja ma' l-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi skambju ta' għajnuna u programm ta' taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') u ibbażat fuq ir-rapport tal-valutazzjoni tal-Pericles tat-30 ta' Novembru 2004, huwa propost li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tkun estiża u emendata.

Il-perjodu propost għall-estensjoni hu sitt snin u l-ammont ta' referenza mhux mibdul hu miljun euro kull sena. L-addozzjonijiet proposti huma dwar iż-żieda tal-proporzjon tal-ko-finanzjament mill-baġit tal-Komunità; l-introduzzjoni tal-flessibbiltà fin-numru ta' applikazzjonijiet minn kull Stat Membru u l-koordinazzjoni konsegwenti; u l-estensjoni tal-kontenut tar-riserva teknika u operazzjonali għall-appoġġ ammministrattiv għall-investigazzjonijiet attivi, bl-intermedjazzjoni mill-Europol.

**Estensjoni proposta u ammont**

Skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-evalwatur ta' Pericles, huwa xieraq li testendi l-programm Pericles ibbażat fuq il-bżonn li:

– titkompla l-viġilanza biex iżomm jew tnaqqas il-livell kurrenti tal-karti tal-flus ta' l-euro u jevita kwalunkwe' żieda fl-iffalsifikar tal-munita ta' l-euro li jimmina l-kunfidenza fl-euro;

– jiġi mħarreġ/jinformanti persunnal ġdid u jiġi estiz t-taħriġ għas-setturi li bbenefikaw inqas mill-programm Pericles, jiġifieri aġenti finanzjarji, prosekuturi u persunnel tekniku;

– jiġi mħarreġ persunnal rileventi fil-karatterisitiċi tal-ġenerazzjoni ġdida tal-karti tal-flus ta' l-euro, li għandhom jinħarġu fl-aħħar ta' dawn l-għaxar snin;

– partikolarment b'insistenza fuq it-taħriġ u l-għajuna teknika fl-Istati Membri l-ġodda, bi prijorità ma' dawk li l-ewwel jintroduċu l-euro bħala munita waħda tagħhom.

Il-konsumazzjoni kompleta tal-programm Pericles fl-aħħar tliet snin tal-programm tiegħu juri l-importanza li tinżamm din il-faċilità.

Il-kwistjoni ta' l-estezjoni tal-Pericles kienet diskussa fil-Grupp ta' l-Esperti tal-kummissjoni kontra l-Iffalsifika ta' l-Euro, li ikkunsidra, fil-laqgħa tiegħu tas-16 ta' Novembru 2004, presentazzjoni li saret mill-evalwatur tal-Pericles. Il-Grupp unanimament jgħin l-estenzjoni tal-programm.

Huwa propost li jestendi l-programm jiġi estiż għal sitt snin oħra – sa l-aħħar ta' l-2011. Dan huwa ibbżat fuq :

– il-bżonn, maħsub fl-evalwazzjoni, biex ikopri dħul ġdid fiż-żona ta' l-euro. Prospetti kurrenti li xi whud minn dawk li għadhom kif daħlu ġodda fl-UE jidħlu fiż-żona ta' l-euro fis-sena 2010. Il-programm għandu jservi mill-inqas sena wara d-dħul ta' l-aħħar grupp fl-euro;

– il-bżonn ta' kwadru stabbli għall-kambju ta' taħriġ/informazzjoni u għajnuna teknika. L-Istati Membri normalment ikollhom programm ta' taħriġ nazzjonali maħsub għall-istaff li jħaddmu, li jsir skond il-livell ta' taħriġ Ewropew, taħt Pericles. Il-bżonn li jimaniġja

b’mod effettiv kemm iż-żewġ livelli jinħtieġ kwadru Ewropew ta’ tul biżżejjed f’terminu medju.

Fir-rigward ta’ l-ammont tal-programm, irid jittieħed kont min-naħa waħda ta' numru ikbar ta' benefiċjarji potenzjali u, fuq in-naħa l-oħra, tal-fatt li parti mill-istaff rilevanti jkun diġà ġie ittrenjat u li aktra razzjonalizzazzjoni tan-nefqa hu propabli. Il-konġunzjoni ta’ żewġ punti ta’ fatturi għall-proposta ta’ ammont annwali mhux mibdul ta’ miljun euro fis-sena – 6 miljun euro f’total.

In linja ma’ ta’ fuq, huwa propost li jiġi modifikat l-Artikolu 1, paragrafu 2 tad-Deċiżjoni Pericles biex tiġi definita bħala data ta' tmiem ġdid il-31 ta' Diċembru 2011 ; u l-Artikolu 6 lsabiex tistabbilixxi ammont ta' referenza ta' EUR 6 miljun.

**Adattazzjonijiet proposti**

1. Il-proporzjon massimu ta’ l-iffinanzjar tal-Komunità għandu jogħla għal 80% (l-Artikoli 10 u 11)

Il-Prattika wriet li l-Isati Membri jiltaqgħu ma’ diffiklultajiet organizzazzjonali biex iżommu ma’ kontribuzzjoni nazzjonali ta’ 30%, partikolarment dawk b’possibilitajiet ta’ iffinanzjament limitati. Dan ifisser li numru ta’ azzjonijiet li kienu kkunsidrati bħala utli ma kienu imwettqa jew kienu mwettqa bħala inizjattiva tal-Kummissjoni. Iżjed minnhekk, fil-kors tal-valutazzjoni tal-proġetti, xi kultant il-kumitat rilevanti ikkunsidra każijiet fejn il-kontribuzzjoni ta’ l-Istati Membri kienet tidher artifiċjalment għolja u rrakkomandat modifikazzjonijiet xierqa. L-evalwatur Pericles identifika wkoll il-bżonn għar-razzjonalizzazzjoni ta’ l-ispejjeż f’xi proġetti.

Sal-limitu ta’ l-esperjenza li l-Istati Mmebri akwistaw s’issa iżjed esperjenza fl-implimentazzjoni tal-Pericles, huwa propobbali li din il-modifikazzjoni proposta m’għandhiex twassal għal żieda globali fl-ammont ta’ sussidju li jintefaq.

Il-limitu ta’ 80% japplika wkoll għal Programm tal-Kommunità Hercules simili għall-protezzjoni ta’ l-interessi finanzjaji tal-Komunità[7], sa kemm l-għotjiet għall-amministrazzjoni pubblika huma kkonċernati.

Konsegwentement, huwa propost li jimmodifika l-Artikoli 10 u 11 billi jbiddel ir-referenza għal 70% bi 80%.

2. Flessibbiltà fil-limitazzjoni ta’ proġett ta’ tip pajjiż wieħed-seminar wieħed (L-Artikolu 12)

Id-disposizzjoni li l-istati Membri jistgħu jippreżentaw mhux iżjed minn tip ta’ seminar wieħed fis-sena daħħal assimetrija fl-implimentazzjoni tal-programm, sa kemm it-taħriġ u l-kooperazzjoni li hemm bżonn u l-possibilitajiet ekwivalenti jvarjaw fost il-pajjiżi. Tipikament , pajjiżi kbar, minħabba l-bżonn li jħarrġu numru ikbar ta’ staff, iddedikaw mezzi finanzjarji u ta’ taħriġ għall-konferenzi inklużi taħt Pericles.

---

[7] Deċiżjoni N° 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-21 ta’ April 2004, ĠU L 143, 30.4.2004, p. 9.

Dan kien ifisser, li taħt il-programm Pericles kurrenti, li l-pajjiżi li jixtiequ jwettqu iktar minn proġett wieħed kull sena kellhom artifiċjalment jiggruppjaw azzjonijiet f'proġett wieħed, li ikkomplika l-valutazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-azzjoni. Bħala riżultat, qed ikun propost li jintroduċi flessibbiltà għal dik ir-restrizzjoni, billi jimmodifika it-tieni sotto-paragrafu ta' L-Artikolu 12 paragrafu 1 biex jipprovdi li "Bħala regola, l-Istati Membri jistgħu jippreżentaw …".

L-allevjazzjoni ta' dik ir-restrizzjoni tfisser li, fejn iżjed minn proġett wieħed huwa sottomess minn pajjiż wieħed, huma jkollhom il-bżonn li jkunu koordinati mill-awtorità nażżjonali kompetenti ta' dik l-Istat Membru. Sotto-paragrafu addizzjonali hu propost għal dak l-effett fl-L-Artikolu 12 paragrafu 1.

3. Possibbilità biex tiffinanzja nefqa amministrattiva li għandha x'taqsam ma' l-investigazzjonijiet transkonfinali (l-Artikolu 3(3))

Il-programm Pericles kurrenti ma jipprovdix espliċitament għall-iffinanzjar ta' l-għajnuna amministrattiva li għandha x'taqsam ma' l-investigazzjonjiet transkonfini Dan l-iffinanzjar jirreferi għall-prattiċitajiet neċessarji għall-investigazzjoni tal-pulizija (premji ta' informazzjoni eċċ) jew azzjonijiet tali bħal kiri ta' karozzi, kiri ta' tagħmir, vjaġġar u sostenenza tal-Pulizija jew aġenti oħrajn eċċ. S'issa, kien hemm ammonti modesti (inqas minn 50 000 euro) u bħalissa pprovduti mill-BĊE dwar l-iffalsifikar tal-karti tal-flus ta' l-euro. Hemm il-prospett li l-BĊE għandu jgħaddi din ir-responsabbilità lill-Europol, fir-rigward ta' l-operazzjonijiet tal-Pulizija. Madanakollu jibqa' xorta waħda l-bżonn li tiffinanzja nefqa simili fl-oqsma li ma jkunux koperti mill-iffinanzjar tal-BĊE, bħal falsifikazzjoni tal-muniti ta' l-euro, kif ukoll in-nefqa għall-persunnal li mhumiex Pulizija (ġudizzjarji, dwana eċċ).

Qed jiġi propost li jiżdied punt (d) fl-L-Artikolu 3, pragarfu 3, dwar il-possibbilità tal-ko-finanzjar , suġġett għall-valutazzjoni minn qabel mill-Europol, appoġġ amministrattiv għall-investigazzjonijiet transfonfinali, li mhumiex koperti mill-iffinanzjar minn istituzzjonijiet Ewropej oħrajn. Din il-possibbiltà kienet diskussa u appoġjata mill-Grupp ta' l-Esperti kontra l-Falsifikazzjoni ta' l-Euro ibbażata fuq talbiet mill-Europol u l-Istati Membri, partikolarment fir-rigward tan-nefqa li għandha x'taqsam mal-munita. Finanzjar taħt dak it-titolu għandu jagħti prijorità lill-azzjonijiet barra miż-żona ta' l-euro u ma jgħandux jeċċedi 100 000 euro fis-sena.

4. Modifikazzjonijiet tal-limiti taż-żmien

Huwa propost li l-limiti taż-żmien riferruti fl-L-Artikolu 13, paragrafu 3 jiġi modifikat kif ġej:

– f'punt (a) tinbidel "30 ta' Ġunju 2005" bi "30 ta' Ġunju 2011";

– f'punti (b) tiġi definita limitu taż-żmien addizzjonali għat-30 ta' Ġunju 2012.

Id-data ta' l-applikazzjoni fl-L-Artikolu 15 għandha tkun l-1 ta' Jannar 2006.

2005/0029 (CNS)

Proposta ghal

**DECIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda u testendi d-Deciżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Dicembru 2001 li tistabbilixxi, programm ta' skambju , għajnuna u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-euro kontra l-iffalsifikazzjoni (il-programm 'Pericles')**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

